*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,587, 4 ta' Mejju, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 265 ta' l-2010**

## ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

## Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta'dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 127 ta' l-2008.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok is-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu d-disposizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni f'Malta tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 2009/41/KE tas-6 ta' Mejju, 2009 dwar l-użu kontenut ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (recast) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' dak l-istrument legali.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minflok is-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"(1) Il-persuna li tippreżenta notifika sabiex tikseb permess għall-attivitajiet msemmija fir-regolamenti 6, 7, 8 u 9, hawn aktar l'isfel imsejħa l-applikant, għandha tippreżenta t-talba tagħha bil-miktub lill-awtorità kompetenti qabel ma twettaq dik l-attività.

(2) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tevalwa notifika u toħrog permess, għandu jkun hemm mehmuż ma' l-applikazzjoni d-dokumenti rilevanti u kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtorità kompetenti. L-applikant għandu jindika b'mod ċar jekk l-applikazzjoni tkunx tippreġudika xi każ ta' infurzar, kawża fil-qorti jew kawżi oħra li jkunu jinsabu *sub-judice*.".

**L.N. 265 of 2010**

## ENVIRONMENT PROTECTION ACT
## (CAP. 435)

### Contained Use of Genetically Modified Micro-Organisms (Amendment) Regulations, 2010

IN exercise of the powers conferred by article 9 of the Environment Protection Act, the Prime Minister has made the following regulations:-

Citation and commencement.

L.N. 127 of 2008.

**1.** The title of these regulations is the Contained Use of Genetically Modified Micro-Organisms (Amendment) Regulations, 2010 and shall be read and construed as one with the Contained Use of Genetically Modified Micro-Organisms Regulations, 2008, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**2.** For sub-regulation (2) of regulation 2 of the principal regulations, there shall be substituted the following:

"(2) These regulations provide the provisions required for the implementation in Malta of the European Council Directive 2009/41/EC of 6th May 2009 on the contained use of genetically modified micro-organisms (recast) and shall be read and construed as one with such legal instrument.".

Amends regulation 10 of the principal regulations.

**3.** For sub-regulations (1) and (2) of regulation 10 of the principal regulations, there shall be substituted the following:

"(1) The person submitting a notification in order to obtain a permit for activities referred to in regulations 6, 7, 8 and 9, hereinafter referred to as the applicant, shall submit his request in writing to the competent authority prior to carrying out such activities.

(2) In order to enable the competent authority to adequately assess a notification and issue a permit, the application shall be accompanied by the relevant documents and any other requisite information as specified and required by the competent authority. The applicant shall clearly indicate whether the application prejudices any enforcement case, court case or other causes currently *sub-judice*.".

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**